# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2020**

**Numru 14**

**Rikors numru 64/09 RGM**

**Margaret Cilia**

**v.**

**Paul Cilia**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2017 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet:

> *"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l- eccezzjonijiet tal-konvenut bil-mod kif hawn deciz;*
>
> *1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il- kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;*

*2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici, dwar il-kura u kustodja tal-minuri Joshua billi dan illum sar maggorenni;*

*3. Tilqa' in parti t-tielet talba attrici, billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-manteniment ghal iben il-partijiet billi dan ma ghadux minuri, u tilqa' it-talba tal-manteniment tal-attrici ghaliha. Ghalhekk tordna lill-konvenut li jhallas lill-attrici manteniment fis-somma ta' mija u hamsa u sebghin ewro (Ewro 175) fil-gimgha, li jigi awmentat kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern.*

*4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;*

*5. Tilqa' l-hames talba attrici, tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tordna d-divizjoni tal-istess bil-mod kif spjegat supra taht l- intestatura DIVIZJONI KOMUNJONI TAL-AKKWISTI. Ghall-finijiet tad- divizzjoni tat-tlett proprjetajiet immobiljari bil-mezz ta' assenjazzjoni kif deiz supra il-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Dottor Edward Flores sabiex jircevi l-att pubbliku relattiv u tinnomina lill-Avukat Dottor Mark Simiana bhala kuratur ghall-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*6.Tichad is-sitt talba attrici.*

*7.Tilqa' is-seba' talba attrici u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut"*.

2. B'rikors preżentat fl-20 ta' Ġunju 2017, il-konvenut appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

i. Il-ħtija tal-firda;

ii. Il-manteniment ta' €175 fil-ġimgħa hu eċċessiv u f'kull każ il-partijiet kienu ftehmu dwar il-manteniment li għandu jitħallas;

iii. Likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

3. Il-konvenut talab lil din il-Qorti sabiex:-

> *“..... tvajra u tirriforma s-sentenza hekk mogħtija billi filwaqt li tikkonfermaha kif ġie deċiż in rigward tat-tieni u s-sitt talba attriċi, tiddeċiedi in rigward tat-talbiet l-oħrajn attriċi illi (i) għandha tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli lilhom it-tnejn, (ii) in rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent appellant għandu jkun tenut iħallas lill-attriċi għaliha l-manteniment li effettivament dwaru rriżulta qbil bejn il-partijiet, ċioe’ s-somma ta’ €128 fil-ġimgħa (iii) tiċħad ir-raba’ talba attriċi (iv) tordna l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet kif ġie sottomess u spjegat fl-aggravji rilevanti imressqa fl-Appell preżenti, u (v) tuża d-diskrezzjoni tagħha skont il-liġi sabiex jiġu applikati l-effetti a tenur ta’ l-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta b’mod ekwu fil-konfront tal-partijiet; bl-ispejjeż”.*

4. L-attriċi ippreżentat tweġiba fejn fl-ewwel lok eċċepiet id-deżerzjoni tal-appell peress li kienet għadha ma saritx il-pubblikazzjoni f’ġurnal lokali u għahekk għadha ma ġietx notifikakta skont il-liġi. Imbagħad għaddiet biex twieġeb fil-meritu u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>Fatti</u>**

5. Il-partijiet iżżewwġu fil-31 ta’ Ottubru 1981 u miż-żwieġ twieldu erbat itfal li llum kollha adulti. Il-partijiet għandhom ħanut fin-Naxxar minn fejn il-konvenut imexxi negozju ta’ bejgħ ta’ laħam. Fil-21 ta’ Jannar 2002 il-partijiet iffirmaw skrittura li biha l-konvenut obbliga ruħu li jħallas lil martu s-somma ta’ Lm55 fil-ġimgħa *“għall-bżonnijiet ta’ kuljum tal-familja Cilia”.* Fil-21 ta’ Lulju 2008 l-attriċi ippreżenta ittra li biha talbet sabiex jibda l-proċess ta’ medjazzjoni biex tkun awtorizzata tipproċedi b’kawża għas-separazzjoni. B’digriet tad-19 ta’ Jannar 2009 (fol. 7) il-Qorti Ċivili

(Sezzjoni Familja) għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċed b'kawża għas-separazzjoni.

**Konsiderazzjoni**

6. L-eċċezzjoni tad-deżerzjoni li tat il-konvenuta hi mingħajr bażi wara li tikkonsidra dak li ntqal fid-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Novembru 2019. Fit-tweġiba li ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2019 il-konvenuta iddikjarat li kienet qiegħda tagħti ruħha notifikata bir-rikors tal-appell. Mill-atti jirriżulta li qatt ma kienet ingħatat ordni ai termini tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12. Għalhekk l-eċċezzjoni hi fiergħa.

7. Il-Qorti żżid li hu veru li l-konvenut dam snin sakemm il-konvenuta ġiet notifikata bir-rikors tal-appell. Pero` mhemmx dubju li l-attriċi kienet taf li żewġha kien appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti u faċilment setgħet tagħti ruħha b'notifikata bir-rikors tal-appell. In-nuqqas tal-attriċi wassal sabiex dan l-appell ħa iktar żmien biex jiġi appuntat.

**L-ewwel aggravju – Ħtija għall-firda**

8. Il-konvenut ilmenta li l-ewwel Qorti ma kkonkluditx li l-attriċi hi responsabbli għas-separazzjoni minħabba li akkużatu b'adulterju, u ma tressqu l-ebda provi f'dak is-sens. Il-konvenut osserva kif l-attriċi:-

i. Fir-rikors ġuramentat akkużatu li hu ħati ta' adulterju iżda ma ressqitx provi f'dak ir-rigward. Dik fiha nnifisha hi inġurja gravi;

ii. Minn dak li xehdet waqt il-kontro-eżami, il-konvenut jistaqsi *"jekk l-ewwel Onorabbli Qorti setgħetx tasal għall-konvinċiment lineari u bir-rispett x'aktarx faċli li esprimiet dwar il-ħtija tal-esponent għall-firda ?"*.

9. L-ewwel Qorti kkonkludiet li ż-żwieġ tkisser biss tort tal-konvenut minħabba *"... sevizzi, eċċessi, minaċċi u swat kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attriċi"*. L-ewwel Qorti qalet:-

> *"Fil-kaz in ezami rrizulta li l-hajja konjugali tal-partijiet kienet karatterizata mill- persistenza ta' mgieba hazina tal-konvenut fil-konfront tal-attrici martu. Il- konvenut kien jippretendi u jesigi li martu tghinu fix-xoghol tieghu, kienet tahsillu l-hanut u tghinu fix-xoghol tal-produzzjoni taz-zalzett, martu kienet s-siehba tieghu fix-xoghol pero` ma kinitx s-siehba tieghu fil-hajja matrimonjali. Hemm kwantita` kbira ta' rapporti ta' theddied, insulti u vjolenza tul 10 snin shah; precedentement sseparaw 'de facto' ghal zmien konsiderevoli f'zewg okkazjonijiet differenti u wara li rrikonciljaw, l-konvenut ippersista fl-atteggjament tieghu ta' indifferenza assoluta fil-konfront ta' martu, assolutament nonkuranti tal-htigijiet taghha anke dawk essenzjali bhal htiega li tmur ghand tabib u dentist jew necessita` li tixtri hwejjeg. Il-konvenut ghal snin shah naqas li jirrimedja l-hsara fl-appliances tad-dar matrimonjali u martu giet kostretta tahsel l- hwejjeg b'idha, timla l-bramel ghat-toilet, cooker bi burner wiehed biss jahdem, u kompletament dipendenti minnu biex jinbidlu c-cilindri tal-gas".*

10. Fir-rigward tal-premessa fir-rikors ġuramentat li ż-żwieġ tkisser ukoll minħabba adulterju, fit-tweġiba l-konvenuta qalet li għamlet dik il-premessa għal li jista' jkun waqt il-ġbir tal-provi jirriżulta li żewġha kien ikkommetta adulterju. Dan ir-raġunament hu għal kollox żbaljat. Wieħed irid jiftakar li r-rikors li bih inbdiet il-kawża, ġie ikkonfermat bil-ġurament. M'għandhom qatt jiġu dikjarati fatt li mhumiex minnhom jew li attur/attriċi

m'għandhomx provi dwarhom. Ir-raġuni li tat l-attriċi għalfejn inkludiet l-adulterju bħala raġuni għas-separazzjoni, mhijiex raġuni valida għalfejn ippremettiet fatt li ma kellhiex provi dwaru.

11. Madankollu, l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi x'kien ir-raġuni għas-separazzjoni. Żgur li l-kelma 'adulterju' fir-rikors ġuramentat ma kinitx il-kaġun għalfejn tkisser iż-żwieġ. Għalhekk it-teżi tal-konvenut li l-ewwel Qorti kellha tiddikjara s-separazzjoni minħabba inġurja gravi, hi infondata.

12. Imbagħad il-konvenut għadda biex jagħmel referenza għal dak li xehdet l-attriċi in kontro-eżami li *'fil-karattru qatt ma qbilna'* u sa minn qamar il-għasel bdew bil-kwistjonijiet. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti kien żbaljat. L-istess il-fatt li kien hemm ftit okkazzjonijiet meta siefru bħala familja bit-tfal, ma jbiddilx il-fatt l-oħra li rriżultaw. Il-Qorti qrat l-atti u ma ssibx raġunijiet għalfejn l-ewwel Qorti kellha tasal għal konklużjoni differenti. Il-konvenut għamel referenza għal sentenza ta' din il-Qorti li rreferiet għal sentenza Ingliża fejn intqal li fil-parti l-kbira tal-każijiet, kull parti tkun responsabbli għat-tkissir ta' żwieġ (ara paġna 8 tar-rikors tal-appell). Pero` l-Qorti trid tiddeċiedi skont il-provi li jkollha quddiemha u wieħed ma jistax joqgħod jiġġeneralizza. Dak li xehdet l-attriċi ma jagħti stampa xejn sabiħa taż--żwieġ.

13. L-attriċi ma kellhiex ħajja faċli mal-konvenut, li kien iebes ħafna fil-flus, u dan hu evidenti mill-affidavit a fol. 20. Biżżejjed jissemma per eżempju kif sa mis-sena 2002 ilha tirċievi €128 fil-ġimgħa biss għal bżonnijiet tal-familja. Saħansitra sabiex tirċievi dak l-ammont kellha saħansitra issir skrittura għand nutar (fol. 27). Ir-rikors li l-attriċi kellha tippreżenta fis-6 ta' Diċembru 2012 hu prova oħra tas-sitwazzjoni xejn pjaċevoli fid-dar taż-żwieġ, fejn il-konvenut lanqas ma kien qiegħed jipprovdi għal ħtiġijiet bażiċi fid-dar. Hu evidenti wkoll li l-konvenut kellu u għad għandu kontroll assolut tan-negozju u l-attriċi ma tingħata l-ebda sodisfazzjon dwar dak li għaddej fin-negozju. Biżżejjed jissemma l-inċident li seħħ f'Mejju 2008 meta l-attriċi irraportat mal-pulizija li żewġha ħebb għaliha meta ħadet żewġ pakketti ravjul mill-ħanut, u spiċċat b'ġrieħi ta' natura ħafifa (fol. 112). Hu veru li ma nġabitx prova li ttieħdu xi proċeduri kriminali kontra l-konvenut, pero` l-konvenut ma qal xejn dwar dan l-inċident. Minn dak li fehmet il-Qorti, il-ħanut hu territorju *out of bounds* għall-attriċi. Saħansitra, il-posta indirizzata lill-konvenut jirċeviha l-ħanut (ara affidavit a fol. 680). Il-konvenut ammetta li kien jaħbi l-flus *'f'xi bank tal-friża'* għalkemm qal ukoll li dawn kienu ftit (fol. 713). Pero` r-raġuni tgħidlek li jekk kienu ftit il-flus, ma kienx hemm raġuni biex iżommhom fil-bank tal-friża. Saħansitra mir-riċerki li saru mal-banek irriżulta li m'hemmx flus imġemmgħin.

14. Il-konvenut argument li s-sensiela rapporti tal-pulizija li l-attriċi għamlet kontrih mhumiex prova kontrih. Kompla li, *".... ma setgħux jitqiegħdu 'in splendid isolation' mill-bqija tal-provi miġbura kif jidher li għamlet l-ewwel Qorti"*. Madankollu, dak li xehdet l-attriċi fl-affidavit jagħti stampa ċara tal-mod żorr kif il-konvenut kien jitratta lil martu u x-xeħħa li kellu.

**It-tieni aggravju - Manteniment**.

15. L-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €175 kull ġimgħa li jfissru disat elef u mitt ewro (€9,100) kull sena.

16. Il-konvenut isostni li l-partijiet qablu fuq il-manteniment li għandu jħallas. Żied li f'kull każ kien ilu mis-sena 2002 iħallas mateniment ta' €128 fil-ġimgħa għal martu u ibnu li għalaq tmintax-il sena fl-2012.

17. Mill-atti jirriżulta li fil-21 ta' Jannar 2002 il-partijiet iffirmaw skrittura li tgħid li l-konvenut ser jagħti lill-attriċi s-somma ta' Lm55 (€128) kull ġimgħa għal bżonnijiet tal-familja. Jidher li minn dak iż-żmien il-konvenut baqa' jħallas dik is-somma u l-ħlas qatt ma ġie rivedut.

18. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut iddikjara li sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni kien dispost li jkompli jħallas lill-attriċi s-somma ta' €128

fil-ġimgħa, filwaqt li dak l-ammont jiġi rivedut meta jagħlaq l-eta pensjonabbli (fol. 948).

19. Min-naħa l-oħra l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet iddikjarat:-

> *"Illi tenut il-kondizzjoni ta' saħħa tal-attriċi, l-eta' li għandha u l-fatt li qatt ma ħadmet barra mid-dar u li hija ma għamlet xejn biex tiddekadi mid-dritt ta' manteniment, hija titlob li żewġha jibqa' jgħaddilha l-manteniment ta' €128 fil-ġimgħa b'żjieda kull sena tal-għoli tal-ħajja"* (fol. 941).

20. Sussegwentement fis-27 ta' Frar 2017 (fol. 950) l-attriċi ppreżentat nota oħra fejn iddikjarat:-

> *"Re (2) Manteniment: żewġha jgħaddilha €128 fil-ġimgħa iżda xorta ma sservix tant li hija tieħu pilloli ta' fibromyalgia li tiswa €36.90 u li għandha bżonn minnhom erba' kaxxi fix-xar u minnhom issajjarlu u taħsillu wkoll"*.

21. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:-

> *"Tenut kont it-trapass taż-żmien mis-sena 2002 sallum, ħmistax-il sena, u tenut kont tal-ħtiġijiet maġġuri tal-attriċi konsistenti fi spejjeż għall-mediċini, il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi manteniment settimanali ta' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€175) fil-ġimgħa"*.

22. Il-Qorti mhijiex marbuta b'dak li jiddikjaraw il-partijiet sakemm ma tkunx seħħet transazzjoni finali. Evidentement f'dan il-każ il-Qorti deherilha li kien hemm lok li jitħallas iktar manteniment lill-attriċi. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta tikkonsidra:-

i. L-ispejjeż għax-xiri ta' mediċina li l-attriċi għandha tkull xahar;

ii. L-attriċi qatt ma kellha l-introjtu tagħha peress li dejjem ħadmet id-dar fejn rabbiet erbat itfal u kienet tgħin lil żewġha fil-ħanut. Wieħed ma jistax jippretendiha li issa li waslet għas-60 sena issib mezz ta' introjtu;

iii. €512 kull erba' ġimgħat ma jippermettux persuna li llum il-ġurnata tgħix ħajja diċenti;

iv. L-attur għandu ħanut li minnu ilu jbiegħ il-laħam u ilu f'dan in-negozju snin twal;

v. Mis-sena 2002, is-sena meta l-konvenut beda jagħti lil martu €128 kull xahar, għaddew tmintax-il sena. Evidenti wkoll li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li skont l-iskrittura tal-2002 li jħallas spejjeż tal-fuel għall-vettura tal-attriċi, li qalet li qatt ma ħallashom.

23. Il-konvenut argumenta li d-dokumenti dwar in-negozju jmorru lura numru ta' snin, u staqsa *"Kif setgħet tispekola Qorti li llum il-konvenut jaqlagħha tajjeb ħafna tant illi waslet biex takkorda rata ta' manteniment li l-attriċi innifsha ma ħassitx il-ħtieġa ?"*. L-ewwel Qorti qalet:

> *"L-attriċi ressqet diversi xhieda u provi li juru illi l-konvenut jaqlagħha tajjeb ħafna naturalment għax jaħdem ħafna wkoll. Fuq bażi ta' probabbilita`, tenut kont il-volum tal-merkanzija li huwa jixtri regolarment abbinta mal-fatt illi jħallas kollox bi flus kontanti, id-dħul tal-konvenut huwa ferm akbar minn dak li jidher fuq id-dokumenti li ġew preżentati f'ismu"*.

24. Il-konvenut ilu snin twal b'ħanut fin-Naxxar imexxi negozju relatat ma' bejgħ ta' laħam. Ix-xhud Noel Pisani ta' J & C Pisani, fis-seduta tat-

12 ta' Mejju 2010 xehed li jbigħulu frozen foods u laħam frisk u *"Lil Pawlu ilni nafu xi 30 sena u daqshekk ilna nfornuh"*. Joseph Sammut, accountant u awditur, xehed li l-aħħar formola tal-VAT kienet għall-perjodu Novembru sa Jannar 2010 b'*sales* ta' €19,597 għal tliet xhur (xehed fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2010, fol. 314). Il-konvenut xehed li fil-ġimgħa ibiegħ b'€1500. Somma ferm konservattiva meta tara x'kien qiegħed ibiegħ fis-snin disgħin. Joseph Sammut stess xehed li *"L-aktar antiki 1995 juru li saru Lm10,743 (Liri Maltin) sales f'erba' xhur"*. Il-konvenut qal li *"ix-xogħol kuljum nieżel"*. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen asserzjoni bħal din għalkemm jidher li ta x'jifhem li żdiedet il-kompetizzjoni u għalhekk naqas il-qligħ.

25. Il-Qorti ma ssib xejn ħażin fir-raġunament li għamlet l-ewwel Qorti. Semmai kien jispetta lill-konvenut li waqt il-ġbir tal-provi iressaq provi ċari u oġġettivi li n-negozju ma kienx għadu jrendi qligħ li jippermettilu li jħallas iktar minn €128 fil-ġimgħa. Prova li m'għamilx.

26. Fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2020 quddiem din il-Qorti, sar ukoll l-argument li l-konvenut għalaq il-ħanut. F'dan ir-rigward ippreżenta avviż maħruġ mid-Direttur tas-Sigurta Soċjali datata 8 ta' Ġunju 2020 li bih kien infurmat li b'effettt mill-31 ta' Mejju 2020 kien ser jibda jirċievi pensjoni kontributorja ta' €224.30 fil-ġimgħa. Id-difensur tal-konvenut qal li waħda mill-kondizzjonijiet kienet li jagħlaq in-negozju. Id-difensur tal-appellanti

insistiet li l-konvenut għadu jiftaħ il-ħanut. Irrispettivament minn x'inhi l-verita`, hu evidenti li l-konvenut għażel li jirtira qabel jilħaq l-eta tal-pensjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 318. Fil-każ tiegħu, persuna li min-numru tal-karta tal-identita stess jidher li twieled fl-1961, l-eta tal-pensjoni hi ta' 64 sena. Skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 318 għandu l-jedd li jirtira qabel l-eta' tal-pensjoni bil-kundizzjoni li ma jkollux qligħ ieħor u fl-eventwalita` li jissodisfa l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet. Kundizzjoni li jidher li ssodisfa gia ladarba d-Dipartiment bagħatlu l-avviż tal-ħlas li ser jibda jirċievi. Madankollu dik hi għażla tiegħu li biha qiegħed iċaħħad lilu innifsu mill-qligħ, dik kienet għażla libera tiegħu. Mhemmx provi li kien hemm xi raġuni li tiġġustifika deċiżjoni bħal dik u l-attriċi m'għandhiex issofri għal dik l-għażla li għamel il-konvenut. Fil-każ tal-konvenut kellu l-għodda biex ikompli jaqla' l-qliegħ, u jekk għalaq il-ħanut dik kienet għażla libera tiegħu li m'għandhiex twassal lill-attriċi biex titlef il-manteniment li akkordat l-ewwel Qorti.

**<u>It-tielet aggravju - Likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.</u>**

27. Il-konvenut ilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti qasmet l-immobbli. Inoltre ilmenta li bil-mod li rraġunat l-ewwel Qorti, l-attriċi għandha tħallas ekwiparazzjoni ta' iktar minn €10,000 minħabba l-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali. Ilmenta ieħor hu li l-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' €25,000 bħala somma flus li għandha titħallas fuq darba waħda għal sehemha mill-qligħ min-negozju. Il-konvenut argumenta li l-qligħ tan-

negozju kien intuża sabiex jinxtraw l-immobbli, mobbli fid-dar, attrezzi għan-negozju, safar għall-familja. Semmai l-attriċi kellha titlob li jsir audit independenti.

28. Dwar l-immobbli l-ewwel Qorti qalet:-

> *"L-assi immobbli tal-komunjoni tal-akkwisti gew stmati mill-Perit David Pace, Fol 40. Dawn huma s-segwenti:*
>
> *Dar matrimonjali Redentur, Triq il-Langas, Naxxar - Ewro244,600.00.*
>
> *Il-hanut Cilia Butcher, Triq il-Fran, Naxxar - Ewro77,700.00.*
>
> *Il-hanut Cilia Corner Butcher, Triq Santa Lucia, Naxxar - Ewro145,000.00.*
>
> *Il-Perit Pace irrakkomanda li parti tiehu d-dar, u l-parti l-ohra tiehu l-hwienet, b'dan li min jiehu d-dar ihallas bhala ekwiparazzjoni lill-parti l-ohra nofs d- differenza fil-valur cioe' Ewro10,950.00.*
>
> *Alternattivament il-Perit ippropona li t-tlett propjetajiet jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.*
>
> *L-attrici pproponiet li tigi assenjata lilha d-dar matrimonjali u l-hwienet lill- konvenut u biex taghmel tajjeb ghad-differenza fil-valur ipproponiet li tirrinunzja ghal sehemha mill-valur tal-avvjament u l-ghodda li jintuzaw fil-hwienet tal- laham.*
>
> *Il-konvenut ma jaqbilx ma' din il-proposta u jipproponi, Fol 949, li sakemm jaghlaq l-eta' tal-pensjoni l-immobbli tal-partijiet jibqghu in kommun bejniethom, u wara sakemm il-partijiet ma jiftehmux xorta ohra l-propjetajiet jinbieghu u r- rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.*
>
> *Dan hu oggezzjonabbli ghall-attrici li fir-replika taghha pprezentata fis-27 ta' Frar 2017 timmotiva l-oggezzjoni kbira taghha li l-immobbli jibqghu in komukn bejniethom wara s-separazzjoni ghaliex iddikjarat "li hija ma tistax tibqa aktar tghix f'dan l-infern kawzat minn zewgha".*
>
> *Fic-cirkostanzi partikolari, kif ukoll in vista tal-fatt li l-konvenut gie ritenut unikament responsabbli ghall-falliment ta' dan iz-zwieg, jixraq li d-dar matrimonjali bl-ghamara u l-mobbli ta' go fiha jigu assenjati lill-attrici u li din tkun awtorizzata tghix fiha ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha; filwaqt li l-konvenut jigi assenjat iz-zewg fondi immobiljari l-ohra bil-makkinarju u l-ingenji kollha ta' go fihom.*

> *Skont il-Perit David Pace id-differenza fil-valur bejn id-dar u z-zewg hwienet hi ta' Ewro10,950.00. Il-Qorti tordna illi dan l-ammont fil-forma ta' ekwiparazzjoni ghandu jigi pacut ma' sehem l-attrici mill-attrezzi li l-konvenut ghandu fiz-zewg hwienet, li llum wiehed minnhom jintuza bhala store".*

29. Il-partijiet ilhom bi proċeduri fil-Qorti sa min-nofs is-sena 2008 (ara l-ittra datata 17 ta' Lulju 2008 li biha l-attriċi talbet li ssir proċedura ta' medjazzjoni a fol. 6). Kellhom altru milli biżżejjed żmien kieku riedu sabiex jiftehmu kif ser jaqsmu l-ġid tagħhom. Hu evidenti li ż-żwieġ tal-partijiet ilu snin twal li ikkrolla u mhemmx komunikazzjoni bejniethom. Li l-immobbli jibqgħu komuni m'hijiex *option*, kif lanqas mhi li jibqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf.

30. Ovvjament il-ħanut fi Triq Santa Luċija hu l-mezz tal-għixien tal-konvenut. Mill-provi hu evidenti li l-attriċi qatt ma kellha *say* fil-ġestjoni tan-negozju u l-konvenut qatt ma ta sodisfazzjon.

31. Id-difensur tal-konvenut argumenta li jaf hemm lok ta' rikonsiderazzjoni tal-istimi li għamel il-perit tekniku. Pero` l-kawża ilha pendenti mis-sena 2009 u l-konvenut altru milli kellu biżżejjed żmien sabiex kieku ried, jitlob rikonsiderazzjoni tal-valur. Seta' wkoll jitlob għan-nomina ta' periti perizjuri jekk ma jaqbilx mal-istimi. Madankollu baqa' passiv. Ma jistax jippretendi li dak li naqas li jagħmel quddiem l-ewwel Qorti, jipprova jirrimedja għalih waqt trattazzjoni tal-appell.

32. Fil-fehma tal-Qorti l-mod kif inqasmu l-immobbli hu ġust, meta tqis li:

i. Ordni sabiex l-immobbli tibqa' komuni sakemm isibu l-bejgħ tad-dar, mhijiex raġonevoli meta tikkonsidra d-diżgwid kbir li hemm bejn il-partijiet.

ii. Ordni sabiex l-immobbli jinbiegħu u jinqasam ir-rikavat, mhijiex flokha meta tikkonsidra li l-bejgħ tal-ħanut tkun tfisser il-bejgħ tal-mezz kif il-konvenut jiġġenera l-qligħ, u hemm inċertezza meta ser jinbiegħu t-tliet immobbli. Il-bejgħ b'liċitazzjoni lanqas mhi ta' benefiċċju għall-partijiet minħabba li normalment immobbli li jinbiegħu b'dik il-proċedura jġibu prezz ferm inqas minn dak ta' bejgħ fis-suq miftuħ.

33. Il-Qorti temmen li fiċ-ċirkostanzi l-għażla li għamlet l-ewwel Qorti hi l-iktar waħda raġonevoli.

34. Għal dak li jirrigwarda l-ekwiparazzjoni ta' €10,950 li l-Qorti ordnat li għandu jiġi paċut ma' sehem l-attriċi mill-attrezzi li hemm fil-ħanut fiż-żewġt iħwienet, u li llum wieħed minnhom jintuża bħala maħżen. Hu fatt li mhux magħruf x'valur għandhom illum. Fir-rikors tal-appell il-konvenut għamel referenza għal dak li xehed (fol. 712) u fir-rikors tal-appell qal li

meta nxtraw b'kollox kellhom valur ta' €12,768. Għalhekk isostni li n-nofs hu €6,384. Fit-tweġiba l-attriċi qalet:

> *"A fol. 22 tas-sentenza jirriżulta li l-attriċi għandha ekwiparazzjoni ta' €3600. Li għalhekk mis-somma ta' €10,950, €3600 ekwiparazzjoni tal-vetturi, jibqa' bilanċ ta' €7350 li huwa sehemha mill-attrezzi li għandu fil-ħwienet liema somma hija ferm raġonevoli".*

35. Dak li pproponiet l-attriċi fit-tweġiba għar-rikors tal-appell hu raġonevoli u għalhekk filwaqt li l-konvenut m'għandu jħallas xejn bħala ekwiparazzjoni b'referenza għall-vetturi, hekk ukoll l-attriċi m'għandhiex tħallas ekwiparazzjoni b'referenza għall-qsim tal-immobbli.

36. L-ewwel Qorti illikwidat ukoll is-somma ta' €25,000 li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi *".... bħala sehemha mill-profitti akkumulati mill-ġestjoni tan-negozju tal-ħanut tal-laħam matul iż-żwieġ tal-partijiet"*. Il-konvenut ilmenta dwar din is-somma wkoll.

37. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:-

> *"Irrizulta abbundantement illi l-konvenut ilu fuq medda twila ta' snin jiggestixxi negozju tajjeb, ghalkemm huwa jilmenta li f'dawn l-ahhar snin mar lura minhabba l-kompetizzjoni. Jirrizulta wkoll illi l-istess konvenut jeffettwa l-pagamenti dejjem fi flus kontanti u qatt permezz ta' cheque.*
>
> *Permezz ta' din is-sentenza qed jigi deciz illi l-konvenut jahti unikament ghat- tkissir taz-zwieg. Ghalhekk mhux il-kaz li l-attrici qed titlef xi dritt fuq il-profitti tal-konvenut min-negozju minnu gestit liema profitti jiffurmaw parti mill- komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.*
>
> *L-attrici xehdet illi l-flus li kien igemma min-negozju l-konvenut kien jerfaghhom gewwa wiehed mill-freezers. Dan hu kkontestat mill-konvenut. L-attrici ezebiet numru ta' pitazzi b'hafna notamenti fuqhom*

> *u tixhed illi dawn juru d-dhul tieghu u li allura kellu flus imgemmghin appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li kienu mohbija minnha. Il-Qorti ezaminat il-provi dokumentarji prodotti b'mod partikolari il-formoli tat-taxxa fuq l-income u self assesement tal-konvenut ipprezentati mill-accountant tieghu Joseph Sammut. L-ahhar sena li dawn id- dokumenti jaghmlu referenza hija s-sena 2008 minn fejn jirrizulta dikjarazzjoni tal-konvenut illi matul dik is-sena id-dhul net tieghu kien ta' hdax-il elf hames mija u erbghin ewro (Ewro 11,540), anqas minn elf ewro fix-xahar, meta fl-istess hin iddikjara li matul dik is-sena spejjez direttament konnessi man-negozju tieghu kellu aktar minn sittax-il elf ewro (Ewro 16,000). Meta wiehed jikkonsidra l-ammonti konsiderevoli ta' xiri ta' merca sabiex tinbiegh mill-hanut tal-konvenut il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut huwa ekonomiku hafna mal-verita` f'dak li huwa jiddikjara bhala profitt nett min-negozju li allura jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti".*

38. Kemm ilha għaddejja l-kawża, kull ma irċeviet l-attriċi kienet is-somma miżera ta' €128 fil-ġimgħa. Il-konvenut għamel ħiltu biex juru li kellu dħul baxx min-negozju. Fl-aħħar tas-sena 2008 il-qliegħ nett kien €11,540. L-ewwel Qorti m'emmnitx li dak kien jirrefletti l-verita. L-ewwel Qorti kellha kull dritt li tasal għal dik il-konklużjoni, meta tikkonsidra li b'dikjarazzjoni bħal dik ikun ifisser li l-konvenut kellu qligħ nett ta' €887 kull erba' ġimgħat. L-istess fis-sena 2009 iddikjara qligħ nett ta' €11,912 li jfisser €916 kull erba' ġimgħat. Qligħ miżeru li għall-Qorti ma jagħmilx sens meta tikkonsidra li l-attur ilu fin-negozju għal snin twal b'ħanut fin-Naxxar minn fejn ibiegħ il-laħam li dejjem ser ikun hawn id-domanda għalih. Dan apparti ċ-ċifri dikjarati fil-pitazzi li jirreferu għan-negozju matul is-snin disgħin jagħtu stampa ferm differenti. Jekk il-qligħ hu dak dikjarat fil-formoli tat-taxxa, lanqas jagħmel sens li l-konvenut imur sitt ijiem fil-ġimgħa jiftaħ is-shutter tal-ħanut u jqatta' sigħat twal hemm. Iċ-ċifri dikjarati mhumiex kredibbli, irrispettivament sarx jew le dak li l-konvenut irrefera għalih bħala *'audit independenti'*. Il-fatt li l-konvenut

iddikjara dak il-qliegħ ma jfissirx li l-Qorti jkollha bilfors temmnu. Dan iktar u iktar wara li rat il-pitazzi li jirreferu għas-snin disgħajn. Inoltre, fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2012 il-konvenut xehed *"Illum għadni nżomm pitazzi u nobbliga ruħi li fis-seduta li jmiss nippreżentahom"* (fol. 713). Pero` konvenjentment baqa' ma ppreżentax il-pitazzi taż-żmienijiet l-iktar riċenti.

39. Is-somma ta' €25,000 hi altru milli raġonevoli jekk tikkunsidra l-perjodu kemm ilhom pendenti dawn il-proċeduri, cioe` min-nofs is-sena ta' 2008. Ċifra li tfisser bejn wieħed u ieħor €2,000 fis-sena bħala sehem l-attriċi mill-qligħ tan-negozju. Ċifra ferm konservattiva.

40. Il-konvenut semma wkoll li f'nota ġuramentata li ippreżentat l-attriċi fl-4 ta' Ottubru 2012, semmiet il-mobbli li hemm fid-dar u tathom stima ta' €11,091 (ara nota u dokumenti a fol. 721). Fis-sentenza l-ewwel Qorti iddeċidiet li l-mobbli għandhom jiġu assenjati lill-attriċi flimkien mad-dar matrimonjali. Minn dak li iddikjara fir-rikors tal-appell, jidher li l-konvenut mhuwiex jikkontesta l-istima ta' €11,091. Il-konvenut jilmenta li għandu sehem minn dawk il-mobbli, cioe` €5,545. Pero` li ma semmiex il-konvenut hu li fil-ħanut u fil-maħżen hemm ukoll il-merkanzija li ma tteħidx in konsiderazzjoni, u biż-żmien il-mobbli baqgħu jitilfu l-valur minn meta saret l-istima. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn f'dan ir-rigward għandha tvarja s-sentenza.

41. Il-konvenut semma wkoll l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili u qal:

> *"Fid-dawl ta' dak li ġie espost f'dan ir-Rikors, wieħed jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti dwar x'għandu jiġi applikat o meno mis-sanzjonijiet involuti"*.

42. Fis-sentenza l-ewwel Qorti imponiet s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

43. Meħud in konsiderazzjoni dak li intqal dwar l-ewwel aggravju, il-Qorti mhijiex tal-fehma li għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-appell billi:-

1. Tiċħad l-ewwel aggravju u t-tieni aggravju.

2. Tilqa' parzjalment it-tielet aggravju sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-31 ta' Mejju 2017 u tiddeċiedi li s-somma ta' għaxart elef disa' mija u ħamsin ewro (€10,950) dovuta bħala ekwiparazzjoni mill-attriċi lill-konvenut b'referenza għall-immobbli, qegħda tiġi paċuta:-

i. Mas-sehem tal-attriċi fil-mobbli kollha li hemm fil-ħanut u l-maħżen; u

ii. Mas-somma ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) dovuta bħala ekwiparazzjoni lill-attriċi fir-rigward tal-vetturi.

3. Tiċħad il-kumplament tat-tielet aggravju.

4. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

5. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 90% a karigu tal-konvenut u 10% a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb